31996R1255

29.6.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 158/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1255/96
tas-27 ta' Ġunju 1996
li jissospendi b'mod temporanju d-dazji awtonomi tat-Tariffi Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali u agrikoli

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-produzzjoni fil-Komunità tal-prodotti speċifikati f'dan ir-Regolament hija fil-preżent mhux adegwata jew ineżistenti; billi għaldaqstant, il-produtturi ma jistgħux ilaħħqu mal-ħtiġiet ta' industriji utenti fil-Komunità;

Billi huwa fl-interess tal-Komunità li tissospendi b'mod parzjali jew totali, id-dazji awtonomi tat-Tariffi Doganali Komuni għal dawn il-prodotti;

Billi d-deċiżjoni dwar is-sospensjoni ta' dawn id-dazji awtonomi għandha tittieħed mill-Komunità;

Billi r-Regolamenti li jissospendu b'mod temporanju d-dazji awtonomi tat-Tariffi Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali jew agrikoli kienu pjuttost ġeddu l-miżuri preċedenti; billi, għalhekk, fl-interess tar-razzjonalizzazzjoni ta' l-implimentazjoni tal-miżuri konċernati, għandu jidher propizju li ma jkunx limitat il-perjodu tal-validità ta' dan ir-Regolament minħabba li l-milja tiegħu tista' tkun addattata u li jiġu miżjuda jew imneħħija prodotti mil-lista permezz tar-Regolament tal-Kunsill, jekk ikun meħtieġ;

Billi l-emendi għan-nomenklatura magħquda u l-Kodiċi Taric ma jagħtux lok għal xi emendi sostantivi; billi, għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, għandu jkun hemm provvediment sabiex jawtorizza lill-Kummissjoni, wara li tkun irċeviet l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, biex tagħmel l-emendi meħtieġa u l-addattazjonijiet tekniċi għall-Anness ta' dan ir-Regolament, inkluża l-pubblikazzjoni ta' verżjoni konsolidata,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Id-dazji awtonomi tat-Tariffi Doganali Komuni għall-prodotti elenkati fl-Anness ma' dan ir-Regolament għandhom jiġu sospiżi fil-livell indikat maġenb kull wieħed minnhom.

L-Artikolu 2

L-addattazzjonijiet tekniċi, inkluża l-pubblikazjoni ta' verżjoni konsolidata, li toriġina mill-emendi tan-nomenklatura magħquda u tal-Kodiċi Taric għandhom jiġu addottati mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3.

L-Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali mwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 247 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 [1].

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu lill-Kumitat. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz fi żmien terminu li l-president jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tkun mogħtija mill-maġġoranza stipulata fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill huwa meħtieġ li jaddotta wara proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat

[1] ĠU L 302, tad-19. 10. 1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.

għandhom jingħataw importanza partikolari skond kif imniżżel f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

3. Il-Kummissjoni għandha taddotta miżuri li japplikaw immedjatament.

Madankollu, jekk il-miżuri ma jkunux jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat, dawn għandhom jiġu mgħarrfa lill-Kummissjoni mill-Kunsill minnufih. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tiddifferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li hija tkun iddeċidiet dwarhom għal tliet xhur mid-data ta' dik il-komunikazzjoni.

Il-Kunsill, meta jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-limiti tat-terminu imsemmi fis-subparagrafu preċedenti.

L-Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Ġunju 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

A. MACCANICO

L-ANNESS

Dan l-Anness ġie mibdul bir-Regolament tal-Kummissjoni 2264/2002, ĠU L 350, 27.12.2002, p. 1.